# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 26**

**Avviz numru 462/99/SM**

**GV Xuereb Limited.**

**vs**

**AGM Investment Limited u b'digriet tal-5 ta' Mejju ta' l-1999 is-socjeta' konvenuta ghandha tidher bhala AJM Investments Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **thallas lis-socjeta' attricis-somma ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltin u sbatax-il centezmu u sitt millezmi (LM531.17,6) rapprezentanti**

ammont bilancjali minn somma akbar ghall-xoghol ta' kostruzzjoni bil-gurnata "day work", esegwit mis-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' dik konvenuta gewwa l-lukanda maghrufa bhala "Tower Palace Hotel" gewwa Tower Road, Sliema;

2. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra bonarja tas-17 ta' Settembru, 1998 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta, minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta datati t-30 t'April ta' l-1999 li permezz taghhom is-socjeta' konvenuta sostniet is-segwenti:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante AGM Investments Limited m'ghandha tati xejn lill-attur u kull kont jinsab mhallas kif jista' jiccertifika il-Perit Paul Camilleri, il-Perit inkarigat minn The New Tower Palace Hotel u ghalhekk ghandu jigi liberat;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-vertenza in dizamina tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lis-socjeta' attrici biex tesplika xoghol strutturali f'hotel gia ezistenti fi Triq it-Torri, Tas-Sliema;

**2. Illi jirrizulta li dawn ix-xogholijiet gew ezegwiti a sodisfazzjon tas-socjeta' konvenuta u kien debitament certifikat mill-arkitett involut;**

**3. Illi ovvjament bhal ma jsir f'kull xoghol iehor ta' din in-natura hawnhekk saru wkoll varjazzjonijiet mill-obbligazzjonijiet originarjament pattwiti li izda gew debitament certifikati mill-arkitett involut u regolarment saldati mis-socjeta' konvenuta;**

**4. Illi in effetti l-mertu tal-kawza odjerna hu straxxiku ta' dawn l-istess varjazzjonijiet naxxenti wara li kien gia' beda x-xoghol, anzi kwazi immedjatament qabel ma gie terminat;**

**5. Illi l-unika differenza hi li dawn il-varjazzjonijiet ma gewx certifikati mill-arkitett involut;**

**6. Illi pero' f'dan ir-rigward din il-qorti, mix-xhieda minnha mismuha, jirrizultalha s-segwenti:**

  **a. Illi dawn il-varjazzjonijiet ulterjuri kienu ordnati minn rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta u f'isimha;**

  **b. Illi dawn il-varjazzjonijiet gew skrupolozament ezegwiti minn impjegati tas-socjeta' attrici;**

**7. Illi ghalhemm il-perit arkitett tas-socjeta' konvenuta ma jirrizultax li kien involut b'xi mod f'dawn il-varjazzjonijiet, minnhu nnifshu dan il-fatt ma jnaqqas xejn mill-fatt li dawn saru fuq inkarigu legittimu u ghall-gid tas-socjeta' konvenuta li qed tgawdihom;**

**8. Illi ghalhekk, kemm-il darba dawn il-varjazzjonijiet jibqghu mhux imhallsa skond kif pattwit, is-socjeta' konvenuta tkun qed tarrikkixxi ruha indebitament a spejjez tas-socjeta' attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta "AJM Investments Limited" thallas lis-socjeta' attrici GV Xuereb Limited is-somma ta' hames mija u wiehed u tletin Lira Maltin, sbatax-il centezmu u sitt millezmi, (LM531.17,6), rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-xoghol ta' kostruzzjoni bil-gurnata ezegwit minnha fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta gewwa l-lukanda maghrufa "Tower Palace Hotel" fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**